MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2011

Referenza Kostituzzjonali Numru. 10/2009

Fl-Atti tar-Riferenza tal-15 ta’ Jannar, 2009, mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Atti tal-Appell numru 237/08 fl-ismijiet:

**IL-PULIZIJA** (Suprintendent Sharon Tanti)

vs

Frank **CACHIA**, Michael Ċiappara, Mario Ċiappara u Anthony Azzopardi

**Il-Qorti:**

Rat ir-Riferenza magħmula mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Jannar, 2009[1] (sedenti l-Onorevoli Imħallef Joseph Galea Debono) li permezz tagħha u fuq talba magħmula mill-avukati difensuri tal-imputati appellati b'verbal waqt is-smigħ tat-13 ta' Novembru, 2008, ordnat li l-atti tal-kawża fl-ismijiet premessi jintbagħtu quddiem din il-Qorti biex tistħarreġ is-siwi tal-kwestjoni kostituzzjonali mqanqla mill-avukati difensuri tal-imsemmija appellati fis-sens li, safejn huma kienu ġew mixlija b'offiżi li jitkellmu dwar "skopijiet oħra immorali", hemm nuqqas ta' ċertezza tal-liġi li tagħmilha impossibbli li ġudikant jiddeċiedi jekk kemm-il darba l-għemejjel li huma kienu mixlijin bihom kinux tassew immorali jew le għall-finijiet tal-liġi. Fil-ħsieb tal-appellati dan kien jikkostitwixxi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"). Il-Qorti Riferenti, għar-raġunijiet hemm imfissra, qieset li l-kwestjoni mqajma ma kinitx waħda fiergħa u vessatorja u waqfet milli tkompli tisma' aktar l-appell imressaq quddiemha sakemm din il-Qorti tqis dik il-kwestjoni;

Rat id-degriet tagħha tas-26 ta' Frar, 2009, li bih appuntat ir-Riferenza għas-smigħ ta' nhar il-Ħamis, 2 ta' April, 2009, u ordnat li ssir in-notifika wkoll lill-Avukat Ġenerali;

Rat ir-Risposta mressqa mill-appellanti Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija fl-1 ta' April, 2009[2], li biha saħqu li r-reati li l-appellati kienu mixlijin bihom ma kienu bl-ebda mod mibnija fuq l-inċertezza tad-dritt u li huma reati li ilhom fil-Kodiċi Kriminali għal għexur ta' snin bla ma qatt ħolqu problemi fit-tħaddim u t-tifsir tagħhom. Żiedu jgħidu li l-fatt waħdu li l-identifikazzjoni ta' x'inhu att immorali jinvolvi element suġġettiv ta' ġudizzju tal-ġudikant li jkun ma jissarrafx b'daqshekk f'inċertezza tad-dritt. Lanqas ma huwa meħtieġ li, biex ikun hemm ċertezza tad-dritt fil-qasam tal-liġi kriminali, irid ikun hemm tifsira fil-liġi ta' kull

[1] Paġġ. 4 sa 11 tal-atti tal-Appell numru 237/08
[2] Paġġ. 15 sa 20 tal-atti tar-Riferenza

għamil jew ta' kull ċirkostanza li tikser id-dispożizzjoni ta' liġi billi "huwa biżżejjed jekk il-liġi tkun tagħti indikazzjoni ċara ta' dak li jista' bejn wieħed u ieħor jiġi kunsidrat bħala vjolattiv tal-liġi". Wara li taw il-fehmiet tagħhom dwar l-għemejjel li kienu ġew mixlijin bihom l-appellati u x'ħareġ mix-xhieda tal-persuni li kienu jitħaddmu mill-istess appellati, huma tennew li dak li sar kien jikkostitwixxi għemejjel immorali u żienja li jsejsu l-akkużi li saru skond il-liġi;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-appellati (reġistrata)[3];

Rat id-degriet tagħha tat-23 ta' Lulju, 2009 li bih ordnat lill-appellati jressqu nota ta' riferenzi sal-5 ta' Awissu, 2009 u tat żmien lill-appellanti biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'nota sal-11 ta' Settembru, 2009;

Rat in-Nota ta' Riferenzi tal-appellati mressqa fl-4 ta' Awissu, 2009[4];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-appellanti fil-11 ta' Settembru, 2009[5];

Rat l-atti kollha tar-Riferenza u kif ukoll tal-Appell li minnu saret ir-Riferenza;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Jannar, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din ir-Riferenza saret lil din il-Qorti mill-Qorti tal-Appell Kriminali għaliex l-appellati jgħidu li seħħ jew sejjer iseħħ ksur tal-jedd tagħhom taħt l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni billi

[3] Paġġ. 27 sa 49 tal-atti tar-Riferenza
[4] Paġ. 51 tal-atti tar-Riferenza
[5] Paġġ. 52 – 6 tal-atti tar-Riferenza

l-imputazzjoni li huma kisru l-liġi minħabba għamil li allegatament sar minnhom "għal skopijiet oħra immorali" tonqos fih iċ-ċertezza tal-liġi f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi tar-reat, u billi minħabba tali nuqqas id-deċiżjoni tas-sejbien ta' ħtija jew l-innoċenza tagħhom se' tkun tiddependi mill-fehma suġġettiva ta' x'inhu immorali jew x'm'huwiex tal-ġudikant li quddiemu ser jinstema' l-appell;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tar-Riferenza jirriżulta li fit-13 ta' Novembru, 2005, Frank Cachia, Michael Ċiappara, Mario Ċiappara u Anthony Azzopardi (aktar 'il quddiem imsejħin "l-appellati") tressqu b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja mixlija b'għadd ta' reati marbuta mat-tmexxija tal-istabiliment "*Maximus*", fi Triq il-Fliegu, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar[6]. Il-Pulizija kienet għamlet tfittxija fil-post fil-11 ta' Novembru, 2005, wara rapport li kienet irċeviet b'allegazzjonijiet ta' attivitajiet illegali u żamma ta' briedel fl-imsemmi post. Dak inhar ukoll, għadd ta' nisa li nstabu fil-post, inżammu mill-Pulizija u ttieħdu kontrihom proċeduri kriminali għalihom[7] u ngħatat sentenza[8], iżda wħud minnhom ittellgħu b'xhud fil-proċeduri kontra l-appellati wara li kienu ntemmu l-proċeduri mibdijin kontrihom[9]. L-appellati kienu għamlu stqarrijiet mal-Pulizija[10];

Illi waqt is-smigħ tal-5 ta' Diċembru, 2005, l-appellati taw il-kunsens tagħhom biex il-proċedura tinstema' b'mod sommarju mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li nkiseb ukoll il-kunsens tal-Avukat Ġenerali[11]. Fit-8 ta' Lulju, 2008, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat is-sentenza motivata tagħha[12]. Fil-25 ta' Lulju, 2008, l-Avukat Ġenerali ressaq Rikors tal-Appell minn dik is-sentenza quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u għar-raġunijiet hemm imfissra. Għalkemm l-appellati kienu talbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza biex

---

[6] Paġġ. 1 – 3 tal-atti tal-kumpilazzjoni numru 1027/05MH
[7] Dok "ST", f'paġġ. 413 – 4 tal-atti tal-akkuża
[8] Dok "ST1", f'paġġ. 415 – 6 tal-atti tal-akkuża
[9] Paġġ. 81 sa 184 tal-atti tal-kumpilazzjoni
[10] Dokti "FC", "MC", "MC1" u "AA", f'paġġ. 272 sa 295 tal-atti tal-akkuża
[11] Paġġ, 228 u 271 tal-atti tal-akkuża
[12] Paġġ. 633 sa 668 tal-atti tal-akkuża

ikunu jistgħu huma wkoll jappellaw mis-sentenza, ma jidhirx li dawn fil-fatt ressqu appell;

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali qiegħdet l-appell tal-Avukat Ġenerali għas-smigħ tat-13 ta’ Novembru, 2008. Dak inhar, l-avukati tal-appellati qajmu l-kwestjoni kostituzzjonali u talbu lil dik il-Qorti tirreferiha lil din il-Qorti. Bid-degriet mogħti fil-15 ta’ Jannar, 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet it-talba għar-Riferenza, u fit-23 ta’ Frar, 2009, l-atti tal-imsemmija Riferenza tressqu quddiem din il-Qorti;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta’ dritt marbutin mar-riferenza għandu jingħad qabel kull ħaġa oħra li din il-Qorti hija marbuta li tqis il-kwestjoni “kostituzzjonali” skond il-parametri tar-riferenza magħmula lilha. Billi l-kwestjoni tkun inqalgħet quddiem Qorti li mhix il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali, u billi l-proċediment ma jkunx tressaq quddiem din il-Qorti direttament minn min jallega l-ksur tal-jedd fondamentali partikolari, din il-Qorti jkollha tqis fedelment il-kwestjoni fil-mod u t-termini mgħoddijin lilha mill-Qorti li tkun għamlet ir-riferenza[13], u jekk tonqos li tagħmel dan jew titbiegħed milli tqis dak lilha riferut, tkun qegħda tiddeċiedi *extra petita*[14];

Illi huwa minħabba f’hekk li huwa mixtieq li riferenza kostituzzjonali ta’ Qorti lil din il-Qorti għandha tkun magħmula b’mod li l-ordni tar-riferenza jkun fih b’mod konċiż u ċar il-fatti li jagħtu lok għall-kwestjoni[15]. Dan huwa mixtieq biex il-Qorti kostituzzjonali riferuta jkollha parametri ċari u preċiżi li fuqhom tagħmel l-istħarriġ tagħha tal-kwestjoni mqanqla u mibgħuta lilha mill-Qorti Riferenti. Imma l-liġi ma tgħidx li r-riferenza ma tkunx tgħodd jekk kemm-il darba d-degriet jew ordni tar-riferenza ma jkunx motivat jew ma jkunx f’forma partikolari. Lanqas ma tgħid li l-Qorti Riferenti trid tiddikjara li l-kwestjoni mqanqla m’hijiex frivola jew

---

[13] Kost. **31.7.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.i.232**) a fol. 243

[14] Kost. **30.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Galea et vs Briffa et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.540**) a fol. 554-5.

[15] P.A. Kost. **2.12.1987** fil-kawża fl-ismijiet ***Spett. P. Sammut et vs Edwin Bartolo et*** (Kollez. Vol: **LXXI.iii.727**)

vessatorja. Huwa minnu li dan il-kriterju ta' frivolezza u vessatorjeta' huwa element indispensabbli biex kwestjoni mqanqla tiġi mgħoddija lil din il-Qorti fil-funzjoni kostituzzjonali tagħha[16], imma din il-Qorti tifhem li ladarba Qorti tkun għamlet ordni bħal dak, tkun fl-istess waqt qieset li l-kwestjoni mqanqla la kienet waħda fiergħa u lanqas waħda vessatorja. Fil-każ tal-lum, il-Qorti Riferenti dan qalitu espressament fid-degriet tar-riferenza;

Illi dan ma jfissirx li, ladarba Qorti Riferenti ma tkunx qieset kwestjoni kostituzzjonali mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq, dan se' jorbot idejn din il-Qorti milli, wara li tistħarreġ sewwa l-ilment, issib li l-kwestjoni kienet fil-fatt hekk[17]. Iżda kulma qiegħed jingħad huwa li ordni ta' riferenza jkun dejjem jimplika li l-Qorti riferenti ma qisitx il-kwestjoni mqanqla bħala waħda fiergħa u biex iddejjaq;

Illi l-Qorti tħoss li għandha tiċċara wkoll li, ladarba l-każ tressaq quddiemha permezz ta' riferenza minn Qorti oħra, ma tistax tagħżel li ma teżerċitax is-setgħa kostituzzjonali tagħha milli tqis l-aspetti kostituzzjonali jew konvenzjonali tar-riferenza. Dan jingħad għaliex ir-riferenza nnifisha torbot lil din il-Qorti li tiddeċidi l-kwestjoni riferuta u ma tapplikax għaliha d-diskrezzjoni li hija miftuħa għal din l-istess Qorti taħt l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni (jew l-artikolu 4(2) tal-Kap 319) meta l-kawża tkun tressqet b'rikors mill-persuna aggravata;

Illi, kif ingħad, ir-riferenza tinbena fuq l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni. Dan jipprovdi li: "*(1) Ħadd m'għandu jitqies li jkun ħati ta' reat kriminali minħabba f'xi att jew omissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skond liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-ħin meta jkun sar. Lanqas m'għandha tingħata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar. (2) Dan l-Artikolu m'għandux jippreġudika l-proċeduri u l-applikazzjoni ta' piena ta' xi persuna għal xi att jew ommissjoni li, fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali*

[16] Kost. **23.11.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs L-Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.227**)
[17] Kost. **30.5.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Michael Paċe et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.116**)

*skond il-prinċipji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet ċivilizżati*";

Illi dan l-artikolu jiġbor fih il-massima tad-dritt "*nullum crimen sine praevia lege*" li f'ilsienna tfisser li ħadd ma hu ħati ta' reat dwar għamil li, fil-waqt li jkun sar, ma kienx mil-liġi meqjus li huwa reat. Marbuta sfiq ma' din ir-regola hemm l-oħra li trid li ma tistax tingħata piena eħrex minn dik li kienet tgħodd fiż-żmien meta r-reat ("*nulla poena sine lege*"). Dan ifisser ukoll li l-ebda liġi li ssir wara li jkun sar dak l-għamil ma tiswa biex tibdlu f'reat. Il-ħsieb wara dan l-artikolu hu li titwarrab kull arbitrarjeta' fis-sura ta' sanzjoni li tista' tirriżulta mill-imġiba ta' xi persuna, ukoll jekk f'għajnejn ħaddieħor dik l-imġiba tista' ma tingħoġobx jew saħansitra tkun ta' min jistmerrha. Għaliex l-għan tal-liġi huwa dak li tfisser u tgħid x'inhu l-għamil li jitqies reat u mhux dak li tippreżumi li hu reat kulma jikkostitwixxi nuqqas morali jew dnub;

Illi jidher li minn ħdan l-imsemmi artikolu, maż-żmien tnissel ukoll mill-Qorti ta' Strasbourg prinċipju ieħor li jrid li l-ebda awtorita' nazzjonali m'għandha tagħti lil-liġi kriminali tifsira wiesgħa, bħal b'analoġija, li tista' tkun ta' ħsara lill-persuna mixlija b'reat, u għalhekk titnissel il-ħtieġa li kull offiża tkun imfissra sewwa fil-liġi nnifisha, b'mod li l-persuna tagħraf minn kliem il-liġi, u jekk meħtieġ bl-għajnuna tat-tifsir tal-qrati, liema għamil jew omissjoni iwassluh għall-ksur tagħha[18]. Dan ma jfissirx li l-Qrati titneħħielhom is-setgħa li jagħtu t-tifsira tagħhom tal-liġi li jridu japplikaw għall-każ[19]. Ifisser biss li l-Qorti m'għandhiex tislef il-funzjonijiet tagħha biex jew taħlaq hi l-elementi ta' reat għal imġiba partikolari li l-liġi nnifisha ma tagħrafx, jew billi, b'tiġbid jew tixbih, tadatta għal imġiba partikolari l-elementi ta' reat maħsub għal ċirkostanzi ta' għemil bħalu. Huwa għalhekk li l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni jiggarantixxi l-prinċipju taċ-"ċertezza tad-dritt" bħala tarka li tilqa' lil persuna minn akkuża li ma tkunx tista' tiddefendi ruħha minnha kif jixraq;

[18] QEDB **25.5.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Kokkinakis vs Greċja*** (Applik. Nru. 14307/88) §§ 52 – 3

[19] P.A. (Kost.) GV **28.3.2008** fl-atti tar-Riferenza Kostituzzjonali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Lorraine Falzon*** (mhix appellata)

Illi f'dan ir-rigward jidher li biex jista' jingħad li liġi toqgħod għall-jedd imħares fl-artikolu 7, "*The provisions have to be sufficiently foreseeable and accessible. This requirement serves to avoid a criminal conviction being based on a legal norm of which the person concerned could not, or at least need not, have been aware of beforehand. This condition is satisfied if the individual may know from the wording of the relevant provision, and, if need be, from the relevant case-law, what acts and omissions will make him liable. ... The Court*[20] *took into consideration that, however clearly drafted a legal provision may be, there is always an inevitable element of judicial interpretation. It is inevitable for the making of legal provisions that more or less vague wordings are used. The Court also accepts that legal provisions must have a certain flexibility to handle changing circumstances and to avoid excessive rigidity*"[21];

Illi fid-dawl ta' dak li għadu kemm ingħad, il-grad ta' prevedibilita' li huwa marbut sewwa mal-ħsieb taċ-ċertezza tad-dritt irid ikun hekk li, mqar jekk ir-rieda tal-liġi toħroġ minn tifsira li jkunu taw il-Qrati matul iż-żmien, dik ir-rieda tkun ċara biżżejjed biex minnha wieħed jagħraf jew imissu jagħraf liema mġiba hija aċċettata u liema tiġbed fuqha s-sanzjoni tal-liġi. Issa, biex wieħed jidħol għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha, wieħed irid jara jekk, fis-sistema legali tagħna, l-kunċett ta' x'inhu morali jew immorali għall-finijiet ta' reati – b'mod partikolari dawk maħsuba fl-Ordinanza VIII tal-1930 – huwiex imfisser ċar u tajjeb biżżejjed biex persuna mixlija minħabba mġiba partikolari tista' tagħraf minn qabel jekk dik l-imġiba hijiex leċita jew le, u biex b'hekk ikun jista' jingħad li ma hemm l-ebda ksur tal-imsemmi artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Fil-qofol tiegħu, dan huwa l-istħarriġ li din il-Qorti ntalbet tagħmel meta saritilha r-riferenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

Illi mill-argumenti mressqin mid-difensuri tal-appellati, jidher li l-argument tagħhom li jqajmu l-"kwestjoni

[20] Ir-riferenza hawnhekk hija għas-sentenza tal-QEDB **25.11.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grigoriades vs Greċja*** (Applik. Nru. 24348/94) § 38

[21] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *Theory & Practice of the European Convention on Human Rights* (4th Edit), pg. 654

kostituzzjonali" jinbena fuq għadd ta' konsiderazzjonijiet. Il-Qorti qiegħda tislithom kif ser jingħad: (i) li ladarba l-liġi, u iżjed u iżjed id-dritt penali, ma tagħtix tifsira ta' x'inhu għamil jew att immorali, ħadd ma jista' jkun mixli (jew imqar jinstab ħati jew ukoll jinħeles) għal reat mibni fuq sempliċi kunċett bħal dak; (ii) li n-nuqqas ta' tifsira f'liġi dwar x'inhu li jagħmel att wieħed immorali ma tista' timlih l-ebda qorti, iżda huwa dmir biss tal-leġislatur li jgħid b'mod ċar u permezz ta' liġi x'inhu att immorali u li b'hekk jagħti lill-qrati l-għodda biex ikunu jistgħu iqisu jekk seħħx jew le r-reat in kwestjoni; (iii) li ma jistax ikun hemm ċertezza ta' dritt fejn il-kejl ta' x'inhu għamil immorali huwa mħolli biss fil-qies suġġettiv tal-ġudikant; (iv) fejn il-liġi ma tfissirx l-elementi ta' reat, tkun qiegħda tgħid lill-ġudikant li jrid jiddeċidi hu x'inhu r-reat, u (v) n-nuqqas ta' tifsira b'liġi ta' x'jagħmel att wieħed immorali jnissel nuqqas ta' omoġenejita' fl-għoti tas-sentenzi, joħloq arbitrarjeta' fit-tmexxija 'l quddiem ta' proċeduri kontra persuna u, wisq agħar, iħajjar l-abbuż fl-imġiba ta' min jirrikorri għal dak l-għamil;

Illi l-Qorti tifhem li l-appellati bl-ebda mod ma qegħdin jgħidu li qorti trid timxi biss mal-kelma tal-liġi b'mod awtomatiku bħallikieku kienet biss timbru ta' verifika ta' fatt jew non-fatt. Lanqas ma tifhem li qegħdin jgħidu li l-ġudikant irid jitneżża' mill-funzjoni deliberativa tiegħu li jqis u jikkunsidra l-każ li jkollu quddiemu b'razjoċinju intellettwali u morali li huwa meħtieġ biex jasal f'fehma formata. Li kieku dan kien il-ħsieb tal-appellati, kieku l-Qorti ma kinitx taħsibha darbtejn biex twarrab dan l-argument għaliex ikun qiegħed isir attakk dirett fuq id-dmir u fuq ir-responsabbilta' ewlenija tal-Qrati li jagħmlu ħaqq sostantiv;

Illi għalhekk, il-Qorti qiegħda tifhem li l-qofol kollu tal-ilment huwa l-linja li l-Qorti trid tagħraf iżżomm bejn is-setgħat u r-responsabbiltajiet tagħha kif mogħtijin lilha mil-liġi, u s-setgħat u r-responsabbiltajiet tal-leġislatur u kif it-twettiq (jew nuqqas ta' twettiq) ta' dawn is-setgħat jolqtu lill-individwu. F'dan ir-rigward, il-Qorti jidhrilha siewi li tirreferi għal deċiżjoni li ngħatat f'każ li wkoll kien qajjem kwestjoni ta' qagħda morali fid-dawl tal-liġi fis-seħħ (f'dan

il-każ il-kwestjoni kienet waħda marbuta ma' proċedura ċivili u mhux mal-qasam tad-dritt penali). Kien ingħad li "Huwa prinċipju risaput illi l-funzjoni tal-Qorti hija l-applikazzjoni tal-liġijiet eżistenti, u mhux l-indaġini dwar l-opportunita' tagħhom. Din tal-aħħar hija funzjoni u kompitu tal-awtorita' leġislativa, li fiha ma jistgħux jintromettu ruħhom il-Qrati, purke' l-liġi tkun saret kostituzzjonalment u tkun ġiet promulgata fid-debita forma. Kif jgħid W.A. Robson fl-opera tiegħu '*Justice and Administrative Law*' in konnessjoni mal-funzjonijiet tal-Qrati: '*The doing of right is to be after the laws and usages of the country not according to the dictates of the judge's personal impulses. ... The decision of the judges may, then, not be arbitrary or absolute, but must be exercised in conformity with the laws and usages of the realm*'."[22] Għall-Qorti din is-silta hija ta' siwi kbir biex jgħinha tagħraf it-triq li trid timxi biex dak li jingħad fiha jitħares iżjed fejn, f'qasam partikolari, il-liġi ma tkunx tipprovdi;

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-liġi partikolari – il-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta – ma fiha l-ebda dispożizzjoni li tagħti tifsira għall-kliem jew frażijiet li jinsabu fiha. Dan f'xi liġijiet oħra ġeneralment isir f'klawsola jew artikolu ta' interpretazzjoni fejn tingħata t-tifsira, safejn ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor. Lanqas ma hemm dubju li x'inhu l-kunċett ta' "moralita'" u "immoralita'" ma jinsab definit fl-ebda liġi oħra, u l-fehma taż-żewġ kunċetti tvarja mhux biss minn pajjiż għal ieħor, imma saħansitra minn persuna għal oħra, jekk mhux ukoll minn ċirkostanza għal oħra fl-istess persuna;

Illi dan iwassal biex il-Qorti tistħarreġ jekk huwiex minnu li, fil-każ li ntbagat quddiemha, r-reat li nxlew bih l-appellati kienx wieħed li l-liġi ma tipprovdix dwaru b'mod li qorti tista' ssib jew ma ssibx ħtija fihom. Jidher xieraq li jingħad li meta tressqu l-akkużi kontra l-appellati, minkejja li ssemmiet il-prostituzzjoni, il-mira vera wara l-akkużi kienet iċ-ċirkostanza taż-żfin minn tfajliet bi ftit ħwejjeġ quddiem il-parruċċani tal-istabiliment, magħdud ukoll żfin

---

[22] P.A. **1.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Prior vs Fenech et noe*** (Kollez. Vol: **LI.ii.759**)

fuq il-ħoġor (*lap dancing*), żfin bis-sider mikxuf u *strip tease* meta jintalab. Fi kliem ieħor il-qofol tal-akkużi kienu jirrigwardaw il-kwestjoni ta' mġiba meqjusa bħala waħda immorali[23];

Illi għall-appellanti, huma jtennu li l-liġi m'hija bl-ebda mod nieqsa f'dan ir-rigward u għalihom il-kliem fil-liġi "jew għal skopijiet oħra immorali" kif jidhru f'bosta mill-artikoli tal-imsemmi Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta[24] huma ċari biżżejjed biex fuqhom wieħed jista' jsejjes akkuża ta' twettiq ta' reat. Huma jisħqu li l-appellati, bħala imprendituri fil-qasam tal-"industrija tas-sess", ma jistgħux jilmintaw mill-inċertezza tal-liġi ladarba n-negozju tagħhom ma hemmx dubju li l-liġi ma tridux u trid trażżnu u ladarba l-immoralita' tal-attivita' tagħhom tinsab fl-attivita' nnifisha. Jgħidu wkoll li tali immoralita' la tinbidel u lanqas tiddgħajjef, jgħaddi kemm jgħaddi żmien u jinbidlu kemm jinbidlu l-valuri tas-soċjeta' Maltija;

Illi l-Qorti ssib li dan l-argument tal-appellanti ma jneħħix id-dilemma u lanqas jagħti tweġiba għall-mistoqsija. Huwa x'aktarx argument li jdur fuqu nnifsu. Filwaqt li tifhem il-ħsieb warajh, xorta waħda tara li, b'raġunament bħal dak, tibqa' ma tingħata l-ebda tweġiba ċara u univoka għall-mistoqsija: "imma x'inhuma l-iskopijiet oħra immorali li dik l-Ordinanza partikolari tirreferi għalihom"? Fejn tinqata' l-linja ta' mġiba li dik l-Ordinanza trid trażżan u tikkastiga u fejn tibda l-imġiba li mhix milquta minnha? Daqstant ieħor ma hemm l-ebda ħajt ta' kenn billi wieħed jinqeda, bħalma jagħmlu l-appellanti fis-sottomissjonijiet tagħhom, bil-frażi ġenerika "industrija tas-sess" biex jippruvaw jiġbru l-attivita' tal-appellati f'xi parametri ta' reat definit jew jorbtuh mal-kummerċ fil-prostituzzjoni. Kif sewwa jissottomettu l-appellati fit-trattazzjoni magħmula b'ħila mid-difensuri tagħhom, fin-nuqqas ta' tifsira ċara ta' x'għandha f'moħħha l-liġi bil-kliem "skopijiet oħra immorali", id-deċiżjoni dwar x'inhu l-għamil meqjus bħala immorali tispiċċa titħalla fl-arbitriju suġġettiv tal-ġudikant jew, jekk ikun il-każ, tal-ġurati (bħala "l-imħallfin tal-fatt").

[23] Xhieda tas-Suprintendent Tanti fil-kontro-eżami 13.4.2007, f'paġġ. 485 – 9, 494 u 505 tal-atti tal-akkuża
[24] Ara artt. 7(2), 8, 9, 10 u 12 tal-Kap 63

Ikun ġudizzju li, jippruvaw kemm jippruvaw, jinbena fuq x'ikun il-ħsieb jew fehma personali tagħhom ta' x'inhuwa immorali, minflok jinbena fuq elementi mfissra b'mod ċar biżżejjed mil-liġi, jekk għallanqas mhux għal kollox oġġettivi, biex jgħinhom u jmexxihom biex jaraw jekk il-fatti tal-każ jaqgħux fi ħdan dawk l-elementi preskritti;

Illi l-appellanti jgħidu li ma jistax ikun li l-liġi tfisser minn qabel u b'mod eżawrjenti u tassattiv kull għamil li wieħed jista' jqisu bħala immorali. Sa ċertu punt dan l-argment m'huwiex fieragħ: iżda hemm baħar jaqsam bejn it-tismija ta' kull xorta ta' mġiba li tista' titqies bħala immorali u kontra l-liġi, u ċ-ċirkostanzi partikolari li jridu jirriżultaw biex imġiba bħal dik li tirriżulta minn dawk iċ-ċirkostanzi titqies bħala mġiba li tissarraf f'reat. L-istess appellanti jikkwalifikaw dan l-argument tagħhom billi jżidu jgħidu li "biżżejjed jekk il-liġi tkun tagħti indikazzjoni ċara ta' dak li jista' jiġi kunsidrat bħala vjolattiv tal-liġi". Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ma jidhirx li l-liġi partikolari tagħti din l-"indikazzjoni ċara" fejn jidħol il-kunċett ta' "skopijiet oħra immorali". Min-naħa l-oħra, l-Qorti taf li f'ċirkostanzi oħrajn marbuta ma' liġijiet li jirregolaw l-użu u t-traffikar ta' sustanzi perikolużi, dawk il-liġijiet ġew mibdula u aġġornati bla telf ta' żmien mil-leġislatur biex ilaħħqu mal-bidliet u r-rejaltajiet li jkunu seħħew minn żmien għal żmien. Fil-fehma tal-Qorti, hekk ukoll imissu jsir fir-rigward tal-Ordinanza li dwarha saret din ir-Riferenza;

Illi jekk wieħed japplika l-kriterji msemmija aktar 'il fuq dwar it-tifsira u l-firxa tal-jedd imħares bl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, jibda jidher li dan kollu li għadu kemm issemma jindika li ma kienx fieragħ it-tħassib muri mill-Qorti Riferenti li fil-każ li tressaq quddiemha hemm "*lacuna*" legali li toħloq inċertezza ta' dritt. Jirriżulta li dak in-nuqqas jikser jew jista' jikser il-jedd fundamentali tal-appellati kif imħares bl-imsemmi artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Ifisser li safejn il-proċediment li qiegħed jinstema' mill-Qorti tal-Appell Kriminali ser ikun jeħtieġ stħarriġ ta' imputazzjoni fil-konfront tal-appellati dwar għamil "għal skopijiet oħra immorali", dak l-istħarriġ sejjer ikun jiddependi kważi għal kollox fuq l-arbitriju suġġettiv tal-ġudikant li jippresiedi dik il-Qorti, ladarba l-liġi tonqos li

tfisser b'mod ċar x'inhuma l-elementi ta' reat b'imputazzjoni bħal dik. Ifisser ukoll li din l-inċertezza tista' titneħħa biss u b'mod leċitu bl-intervent xieraq tal-leġislatur;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Twieġeb għall-kwestjoni riferita lilha mill-Qorti tal-Appell Kriminali** bid-degriet tagħha tad-15 ta' Jannar, 2009, billi ssib li fejn, fost l-imputazzjonjiet fil-konfront tal-appellati, sejrin jitqiesu "skopijiet oħra immorali", tirriżulta inċertezza tal-liġi għall-finijiet u bi ksur tal-artikolu sebgħa (7) tal-Konvenzjoni, b'mod li tqiegħed lill-ġudikant f'sitwazzjoni impossibbli biex jiddeċiedi jekk l-atti inkriminanti humiex atti immorali jew le għall-finijiet tal-liġi; u

Għalhekk **tordna** lir-Reġistratur sabiex tgħaddi lura l-atti tal-akkuża lill-Qorti Riferenti sabiex dik il-Qorti tkun tista' tiddisponi mill-każ skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------